**Il-borża ta' San Martin**

Niftakarni tifel ċkejken
Sejjer norqod fil-għaxija,
U niftakar li mas-sodda
Fuq in-naħa x-xellugija;

L-għażiża ommi kienet tħejji
Borża bajda w irrigata,
B'linji rqaq, ħelwin u koħol
Hawn hi ġejja x-xalata.

Niftakarni nistaqsieha:
"Għalxiex dil-borza f'dan il-ħin?",
U ommi b'ħafna paċenzja
Kienet tgħidli: "Ġej San Martin!"

U ta' tifel daqs qrempuċu
Kont nistaqsieha: "Kif jidħol?"
Is-skiet tagħha kien jitfagħni
F'elf ħsieb, b'hekk lilu kont nitlob:

"San Martin, imlili l-borża
Imla kemm tiflaħ, la tieqafx,
Basta tferraħni fil-għodu
Ħalli bil-lejl ma narakx".

U ommi kienet tħejjijlu
Xorb, luminata w pastini,
Xi biċċa kejk tajba tajba
U naqra ċikkulatini.

U Martin dan kien jistenna
Jiekol kollox, ma jħalli xejn,
L-aqwa li jimlili l-borża
B'għemilu jgħidli dal-kelmtejn:

"Bħalma ġejt għandek f'dan il-lejl
W infawwarlek l-borża bil-kbir,
Int ukoll iftaħ dik qalbek
Għall-imsejken u min hu fqir".

O ġenituri nitlobkom
Darru lil uliedkom ħelwin,
Li jgħinu 'l min qed ibati
Agħmlulhom 'l-borża ta' San Martin.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.